**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 256/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur Alexandra Farrugia Mamo )**

**Vs**

**SILVIO BUTTIGIEG**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Silvio Buttigieg maghmulha fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, talli f'xi data qabel it-3 ta'Lulju, 1994, kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, iddispona jew biegh, vettura tal-marka Nissan Patrol bin-numru tar-registrazzjoni Ct. A42274, minghajr l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana, liema vettura giet importata fuq bazi temporanja fit-22 ta'Jannar, 1993, minn Gambino Maurizio b'dokument tad-dwana TIT 104/93, liema vettura ghandha valur ta' Lm5000, dazju Lm4000 kif jidher fin-Nota ta'Qbid numru 87/95, liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60 (a)(c)(e)(j)(k) u 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i))(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37), kif ukoll l-Artikolu 17 (2)(d)(ii) ta' l-Att dwar id-Dazju ta' l-Importazzjoni (Kap. 337).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 9 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Silvio Buttigieg hati ta' din l-akkuza, u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija li, bl-

applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, din il-piena karcerarja giet sospiza ghal zmien sena, kif ukoll ordnat il-konfiska tal-vettura in kwistjoni.

Rat ir-rikors t’appell ta’Silvio Buttigieg datat 21 ta’Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni.

Rat l-aggravju ta’ l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament is-sottomissjoni ta’ l-appellant fl-aggravju tieghu hi li hu ma kellu ebda ' mens rea' fir-reati allegatament kommessi minnu, dan ghaliex, skond hu, gja’ la darba kien mar ghand id-dipartiment tad-Dwana biex jaghmel il-procedura kollha sabiex ihallas id-dazju fuq il-vettura in kwistjoni, u fil-fatt dan id-dipartiment kien anke hareg ‘valuation’ tad-dazju dovut, allura ma jistghax, imbaghad, jinkorri fir-reati addebitati lilu in bazi tal-Kap. 37.

Fit-trattazzjoni ta’ dan l-appell, gie emfasizzat diversi drabi li l-appellant kien ben konxju mill-fatt li d-dazju fuq din il-vettura ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat. Tant hu hekk li hu kien mar ghand tad-Dwana sabiex jaghmel il-proceduri soliti ghal dan il-ghan u, ghalhekk, kull ma ghamel wara jew fil-perijodu li damu sejrin dawn il-proceduri, kien kollu ‘in buona fede’.

Issa fil-fatt, l-akkuza preciza kontra l-appellant mhiex dik biss li kellu fil-pussess tieghu dik il-vettura b’mod meta kien jaf li d-dazju fuqha ma kienx gie imhallas u/jew kawtelat, jew f’cirkostanzi li ragjonevolment setgha jkun jaf li dan id-dazju ma kienx gie imhallas u/jew kawtelat, izda ukoll li kien biegh jew iddispona minn dik il-vettura waqt li kienet fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu qabel ma thallas jew gie kawtelat dak id-dazju, u waqt li din kienet f’Malta taht ‘temporary importation licence’, li qatt ma giet estiza.

Issa, bhala fatt mhux kontestat li din il-vettura kienet effettivament fil-pussess ta' l-appellant certament mill-24 ta'Jannar, 1993, 'l quddiem. Mhux kontestat ukoll li f'dan il-perijodu, l-appellant kien jaf li d-dazju fuq dik il-vettura ma kienx thallas u/jew kawtelat. Jidher li tul dan iz-zmien li l-vettura kienet fil-pussess tieghu, l-appellant kien veru beda xi proceduri biex jigi mhallas dan id-dazju fuqha u li tad-Dwana kienu hargu 'valuation' fuqha. Jirrizulta, pero', u dan hu l-punt u l-mument importanti, li qabel ma l-appellant hallas jew ikkawtela d-dazju fuq din il-karozza, hu kien biegh jew iddispona minnha lil terza persuna li bhala stranjera gie allegat li kellha l-permess li zzomm vettura f'Malta 'duty-free'. Jirrizulta wkoll li meta din il-vettura ddahlet f'Malta minn barrani, certu Maurizio Gambino, fit-22 ta'Jannar, 1993 (ezattament jumejn qabel ma akkwistaha w ha l-pussess taghha l-appellant ), din dahlet taht 'Temporary Importation Licence' bil-kundizzjoni li terga' tigi riesportatha minn Malta mhux aktar tard mill-1 ta'Frar, 1993, cioe' ghaxar (10) tijiem wara li ddahlet Malta taht din il-licenzja ta'importazzjoni temporanja, numru 104/93 (li, kif intqal, qabel, ma jrrizultax li qatt saret xi applikazzjoni biex din tigi estiza, u effettivament skadiet f'gheluq tal-perijodu ta' ghaxar tijiem). Jirrizulta wkoll li din il-'Temporary Importation Licence' kellha fiha kundizzjoni specifika li tipprojbixxi li din il-karozza tigi b'xi mod li jkun trasferita, mibjugha, mikrija, mislufha, eccetera, waqt li tkun hawn Malta.

Illi din, ghalhekk, mhiex **biss** semplici kwistjoni li l-appellant naqas li jhallas jew li jikkawtela d-dazju fuqha meta kellu l-pussess effettiv taghha, izda wkoll li waqt li din kienet illegalment fil-pussess tieghu, ghaliex l-imsemmi 'temporary importation licence' kien skada w il-vettura ma kienetx giet riesportatha skond dak il-permess, hu kien ukoll iddispona minnha kontra l-kundizzjonijiet mposti fil-licenzja ta'importazzjoni temporanja imsemmija.

Hu in bazi ta' dawn il-provi li l-ewwel Qorti sabet u ddikjarat htija fl-appellant, u f'dan l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura. Dawn kienu provi li in bazi taghhom l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom. Mhux hekk biss, imma mill-piena li mponiet dik il-Qorti jidher car li hadet in

kunsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari kollha ta'dan il-kaz, partikolarment ic-cirkostanza li l-appellant kien veru beda jiehu dawk il-proceduri sabiex jhallas jew jikkawtela d-dazju fuq dik il-vettura, u allura haseb li b'daqshekk ma kienx qed jinkorri f'xi ksur ta'ligi. Fil-fatt, l-ewwel Qorti imponiet piena ta'prigunerija sospiza vicin il-minimu. Din kienet cirkostanza fejn turi biss zball dwar id-dritt penali da parti ta' l-appellant li, kif dejjem inghad, a kuntrarju ta' zball ta'fatt, ma jezonerahx mir-responsabilita' kriminali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-appell ta'Silvio Buttigieg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur